FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 22 TA' NOVEMBRU, 1996

Avv. Nru. 454/96

The Performing Right Society Limited

vs

Paul Muscat

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Erba u erbghin Lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm44.28), in kwantu ghall Tmienja u tletin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm38.50), "royalty" , kif ukoll taxxa fuq il-Valur mizjud fuq l-istess "royalty" fl-ammont ta' Hames Liri Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm5.78), dovut bil-quddiem, import tal-fattura datata 16 ta' Mejju, 1996, Dok.A, in konnessjoni mal-licenzja numru 9815, Dok.B, rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment San Giljan Lido, Triq Gorg Borg Olivier, Sliema, ghall-perijodu mis-6 ta' Gunju, 1996 sal-5 ta' Gunju, 1997;

Bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-avviz komprizi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Gunju, 1996, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda tal-P.L. Jonathan De Maria li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tad-dokumenti ezebiti;

In vista li jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni ghadu kollu dovut, kif mitlub fl-avviz, it-Tribunal jilqa t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Erba u erbghin Lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm44.28);

Bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Gunju, 1996 sad-data tal-eventwali pagament;

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Gunju, 1996, ghandhom jigu sopportati interament mil-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.